



Brussell, 17 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13217/19

FREMP 148	DATAPROTECT 241
JAI 1075	DIGIT 155
EJUSTICE 130	EDUC 411
DROIPEN 165	EMCO 5
COHOM 118	EMPL 513
ANTIDISCRIM 40	GENDER 45
ASILE 40	JEUN 108
ASIM 119	JUSTCIV 184
COPEN 398	MIGR 173
COSI 209	SOC 677
COTER 137	VISA 219
CT 99	DEVGEN 192
DAPIX 299	SUSTDEV 142

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Ottubru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12357/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali wara Għaxar Snin: is-Sitwazzjoni Attwali u l-Ħidma Futura

Fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta t-test tal-konklużjonijiet ta' hawn fuq kif jinsabu fl-anness għal din in-Nota.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali wara Għaxar Snin:

is-Sitwazzjoni Attwali u l-Ħidma Futura

INTRODUZZJONI

1. Il-Kunsill ifakkar li l-Unjoni Ewropea hija unjoni bbażata fuq valuri komuni, kif minqax fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ibbażata fuq ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri komuni li jirfdu l-mudelli demokratiċi u tas-soċjetà tagħna huma l-pedament tal-libertà, is-sigurtà u l-prosperità Ewropej. L-istat tad-dritt għandu rwol kruċjali fid-demokraziji kollha tagħna u huwa garanti ewlieni li dawn il-valuri jitħarsu sew. Dan irid jiġi rrispettat b'mod sħiħ mill-Istati Membri kollha u mill-UE¹.

¹ Aġenda Strateġika Ġdida 2019-2024, adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019.

2. Il-Kunsill jilqa' l-għaxar anniversarju minn meta l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE saret legalment vinkolanti għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE u għall-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-UE. Il-Kunsill jenfasizza li l-Karta għandha l-istess valur legali bħat-Trattati tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Karta hija waħda mill-aktar strumenti tad-drittijiet tal-bniedem legalment vinkolanti moderni u komprensivi.
3. Il-Kunsill iħares b'mod favorevoli lejn ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-Karta² kif ukoll lejn ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019³ tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali). Kif rifless fir-rapporti mill-Kummissjoni u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-isfidi fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni għadhom jippersistu. Għaldaqstant, il-Kunsill itenni mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi kif elenkat fl-Artikolu 21(1) tal-Karta. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattivi ġodda mnedija fl-2018 għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-Karta u jenfasizza li din il-ħidma trid tkompli b'impenn qawwi għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u l-iżgurar li l-Karta tintuża bis-sħiħ.

² 10064/19

³ 10116/19

4. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta u jirrikonoxxi r-rwol dejjem akbar li għandhom il-qrati nazzjonali fl-iżgurar tal-effettività tal-Karta.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif minqux fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-għan tal-adeżjoni huwa li jissaħħu l-valuri komuni tal-Unjoni, tittejjeb ulterjorment l-effettività tal-liġi tal-UE u titjieb il-koerenza tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa.
6. Id-drittijiet fundamentali jistgħu jsiru biss realtà fil-ħajja tan-nies f'soċjetà demokratika bbażata fuq l-istat tad-dritt, fejn l-indipendenza tal-ġudikatura hija element kostitwenti essenzjali. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-konferenza "Kif Tiġi Żgurata r-Reżiljenza tas-Soċjetajiet Tagħna f'Kuntest Ewropew Dejjem Jinbidel - l-Interazzjoni bejn id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali", organizzata mill-Presidenza Finlandiża fl-10 u l-11 ta' Settembru f'Helsinki, li kkonkludiet li dawn in-normi u l-valuri huma inseparabbilment marbutin flimkien u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.
7. Il-Kunsill jilqa' l-konferenzi relatati mal-Karta organizzati mill-Presidenzi tal-Kunsill u jistenna b'interess il-konferenza li jmiss "Nagħmlu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE realtà għal kulħadd: l-għaxar anniversarju minn meta l-Karta saret legalment vinkolanti", organizzata mill-Kummissjoni, il-Presidenza Finlandiża u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fit-12 ta' Novembru 2019. Il-konferenza ser tipprovdi okkażjoni f'waqtha biex issir riflessjoni dwar kif għandhom jiġu promossi l-użu u l-għarfien tal-Karta fost l-atturi kollha fil-katina tal-infurzar tal-Karta sabiex din tkun tista' tkun effettiva bis-sħiħ fil-ħajja tan-nies.

8. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu⁴ adottati fid-9 ta' April 2019 bit-titlu "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030". Il-Kunsill jenfasizza li r-realizzazzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż l-iżgurar tal-konformità mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta, hija prekondizzjoni għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u għat-twettiq tal-impenn li ħadd ma jitħalla barra.

APPLIKAZZJONI TAL-KARTA TAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI: SITWAZZJONI ATTWALI U

ĦIDMA FUTURA

9. Il-Kunsill jistieden lill-partijiet ikkonċernati li ġejjin biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom u billi jiżguraw li jkunu disponibbli għal dak il-għan ir-riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti:

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030", tad-9 ta' April 2019 (8286/19).

Il-Kunsill u l-Istati Membri

10. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jieħu kont tal-gwida dwar l-applikazzjoni tal-Karta, inkluż il-linji gwida dwar il-passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu għall-kontroll tal-kompatibbiltà tad-drittijiet fundamentali fil-korpi preparatorji tal-Kunsill⁵, u jesprimi r-rieda tiegħu li jesplora modi ta' kif jista' jsir użu aktar effiċjenti minn dik il-gwida fil-korpi preparatorji tal-Kunsill, inkluż permezz ta' taħriġ.
11. Il-Kunsill ifakkar fl-Opinjoni 4/2018⁶ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar l-isfidi u l-opportunitajiet għall-implimentazzjoni tal-Karta, b'mod partikolari l-Opinjoni Nru 8 li tirrakkomanda l-istabbiliment ta' "skambju annwali dwar il-Karta" fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP). Il-Kunsill jieħu nota wkoll tar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew⁷ dwar l-implimentazzjoni tal-Karta fil-qafas istituzzjonali tal-UE, adottata fit-12 ta' Frar 2019, u b'mod partikolari l-inkoraġġiment tal-Parlament biex l-Istati Membri jiskambjaw regolarment informazzjoni u esperjenzi dwar l-użu, l-applikazzjoni u s-sorveljanza tal-Karta.

⁵ Linji Gwida tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu għall-kontroll tal-kompatibbiltà tad-drittijiet fundamentali fil-korpi preparatorji tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2015 (5377/15).

⁶ Disponibbli fuq https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-opinion-04-2018_charter-implementation.pdf

⁷ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas istituzzjonali tal-UE, 12 ta' Frar 2019, P8_TA(2019)0079.

12. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-utilità tal-iskambju ta' Prattiki tajba fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali u bejn l-Istati Membri u li jsiru diskussjonijiet tematiċi dwar il-Karta. Il-Kunsill ifakkar fl-iskambju ta' fehmiet li sar fi ħdan il-FREMP dwar dan is-suġġett matul il-Presidenza Finlandiża u jimpenja ruħu li jkompli dan id-djalogu fuq bażi annwali.
13. Il-Kunsill jinnota bi tħassib ir-riżultati ta' sħarriġ reċenti tal-Eurobarometru dwar kemm iċ-ċittadini jafu dwar il-Karta⁸, li skontu dan l-għarfien għadu baxx. Huwa jinnota wkoll li r-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019 tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jiġbed l-attenzjoni għal nuqqas ta' politiki nazzjonali li jippromwovu l-għarfien u l-implimentazzjoni tal-Karta.
14. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex isaħħu l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ tagħhom fir-rigward tal-Karta, inkluż għal dawk li jfasslu l-politika, l-impjegati taċ-ċivil u l-prattikanti legali, kif ukoll l-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u difensuri oħra tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Istati Membri biex jiġbdu l-attenzjoni tal-ġudikatura għall-Karta u jirrakkomanda li jiġu kkunsidrati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' linji gwida u programmi ta' taħriġ dwar il-Karta. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli lill-pubbliku ġenerali dwar id-drittijiet minqax fil-Karta sabiex titrawwem is-sjieda taċ-ċittadini tal-Karta.

⁸ Eurobarometru Speċjali 487b "Għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea", li sar fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2019.

15. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw il-konsistenza mal-Karta fir-regoli proċedurali nazzjonali tagħhom dwar l-iskrutinju legali u fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-leġislazzjoni nazzjonali li taqa' fl-ambitu tal-liġi tal-UE. Huwa jilqa' l-għodda rilevanti pprovduta mill-Kummissjoni u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tgħin lill-Istati Membri f'dan ir-rigward, u jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ minn din l-għodda.

II-Kummissjoni

16. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma importanti mwettqa mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali⁹.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura l-konsistenza mal-Karta fl-inizjattivi leġislattivi u ta' politika kollha tagħha u biex teżamina jekk l-Istrateġija jeħtieġx tiġi rieżaminata.

17. Sabiex jiżgura l-konformità mad-drittijiet fundamentali fl-oqsma ta' politika kollha, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli twettaq u ttejjeb ulterjorment b'mod sistematiku l-valutazzjonijiet tal-impatt tad-drittijiet fundamentali għall-proposti leġislattivi rilevanti kollha.

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-Unjoni Ewropea" tad-19 ta' Ottubru 2010 (COM(2010)0573).

18. Il-Kunsill jenfasizza r-rilevanza tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika, ġestit b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, fil-promozzjoni tal-ġharfien dwar il-Karta u l-applikazzjoni u l-użu tagħha. Huwa jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw ulterjorment il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika, inkluż permezz tal-ħolqien ta' paġna ddedikata fil-Portal tal-Ġustizzja elettronika fejn l-Istati Membri jistgħu jippubblikaw u jaġġornaw il-prattiki tajba tagħhom dwar is-sensibilizzazzjoni tal-Karta u l-użu tagħha.

L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali

19. Il-Kunsill jilqa' r-rwol essenzjali li għandha l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, kif stabbilit fir-regolament ta' twaqqif tagħha¹⁰, biex tipprovdi ġharfien espert dwar id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari permezz tal-ġbir u l-analiżi ta' data dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma tal-Aġenzija marbuta speċifikament mal-Karta, b'mod partikolari s-sensibilizzazzjoni, l-ġhodda elettronika u t-taħriġ dwar il-Karta. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tkompli tiżviluppa għodda u taħriġ, inkluż għall-professjonisti legali, u tappoġġa lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Karta u fil-promozzjoni ta' kultura ta' konformità mad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni kollha.

¹⁰ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007.

20. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li hu lest jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien espert u mid-data tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fit-tnejn ta' inizjattivi li jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Il-Kunsill ifakkar fil-possibbiltà li jintalbu l-opinjoni konsultattivi tal-Aġenzija dwar suġġetti tematiċi speċifiċi li jaqgħu fi ħdan l-oqsma ta' attività tagħha jew dwar il-pożizzjonijiet meħuda mill-Kunsill matul proċeduri legiſlattivi. Il-Kunsill jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-użu aktar frekwenti tad-data miġbura mill-Aġenzija fit-tnejn ta' inizjattivi legiſlattivi u ta' politika relatati mad-drittijiet fundamentali.

21. Il-Kunsill ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet preċedenti mill-evalwaturi esterni u l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija dwar il-hteġa li jiżdiedu ulterjorment il-kjarezza legali, l-effiċjenza u l-impatt tal-ħidma tal-Aġenzija. F'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni mill-ġdid li ser jikkunsidra bir-reqqa kwalunkwe proposta għall-emenda tar-regolament ta' twaqqif¹¹ tal-Aġenzija li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tippreżenta, inkluż sabiex dan jiġi allinjat mal-Approċċ Komuni dwar l-Aġenziji tal-UE, biex ikunu żgurati governanza u effiċjenza akbar.

¹¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007.

Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, Korpi tal-Ugwaljanza u mekkaniżmi nazzjonali oħra

22. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jiġi mħares ambjent faċilitattiv għall-istituzzjonijiet nazzjonali indipendenti għad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza u mekkaniżmi oħra għad-drittijiet tal-bniedem. Dawn għandhom rwol kruċjali fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u fl-iżgurar tal-konformità mal-Karta. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri kif ukoll lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji l-oħra tal-Unjoni biex itejbu ulterjorment il-kooperazzjoni tagħhom ma' dawn il-mekkaniżmi u biex jappoġġawhom fil-mandati rispettivi tagħhom, inkluż fl-implimentazzjoni u l-promozzjoni tal-Karta.

Is-soċjetà ċivili

23. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u fil-livell tal-UE fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż fis-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali fost id-detenturi tad-drittijiet u fl-appoġġ għall-isforzi tagħhom biex jeżerċitaw u jiddefendu d-drittijiet tagħhom, fi ħdan il-qafas tal-liġi nazzjonali, internazzjonali u dik tal-UE. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jitneħħew kull restrizzjoni inutli, illegali jew arbitraria u li ma jkunx hemm restrizzjonijiet tali fuq l-ispazju tas-soċjetà ċivili u jirrikonoxxi li finanzjament trasparenti, suffiċjenti u faċilment aċċessibbli huwa kruċjali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Kunsill jistenna b'interess it-tkomplija tal-ħidma leġislattiva fir-rigward tal-Fond għall-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri l-ġdid.